# Qorti Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Unai Lacelle Zumeta**

**Omissis**

Illum 14 ta' Ottubru, 2015.

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-konfront ta' Unai Lacelle Zumeta u persuna oħra talli:

F'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Jannar 2014 u matul il-gimghat ta' qabel din id-data:

a) Assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibigħu jew jitraffikaw f'dawn il-gżejjer mediċina (Cannabis Grass), bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assoċjazzjoni ;

b) Importaw, jew ġiegħelu li tiġi importata jew għamlu xi ħaga sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (il-pjanta cannabis) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ;

c) Biegħu jew xort' oħra ttraffikaw il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Kellhom fil-pussess tagħhom il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tagħhom;

Lill Unai Lacalle Zumeta waħdu talli fil-11 ta' Jannar 2014 u fis-snin ta' qabel din id-data :

e) Biegħ jew xort' oħra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputati jew huma proprjeta' tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan ai termini ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet it-tratazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2015.

Għaldaqstant, tiddikjara lill-akkużat Unai Lacalle Zumeta ħati talli:

F'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer fil-11 ta' April, 2011 u fil-jiem ta' qabel din id-data:-

Assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibigħu jew jitraffikaw f'dawn il-gżejjer mediċina (Cannabis Grass), bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assoċjazzjoni ;

b) Importaw, jew ġiegħelu li tiġi importata jew għamlu xi ħaga sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (il-pjanta cannabis) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ;

c) Biegħu jew xort' oħra ttraffikaw il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Kellhom fil-pussess tagħhom il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tagħhom;

Lill Unai Lacalle Zumeta waħdu talli fil-11 ta' Jannar 2014 u fis-snin ta' qabel din id-data :

e) Biegħ jew xort' oħra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat,

Illi b'verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu, 2015, l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu a tenur tal-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet il-partijiet fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2015. F'din l-udjenza partikolari l-partijiet trattaw dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lil-akkużat ħati tal-akkuzi miġjuba kontra tiegħu.

Rat l-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B) (2)(a)(i)(ii) (3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 392B(1)(2)(3)(4), 392Ċ tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah ghal piena ta' seba' (7) snin u sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' tmintax il-elf ewro (€18,000).

Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaħ li jħallas is-somma ta' tlett telef ħames mija u tnejn u ħamsin ewro u ħamsa u tletin ċentezmu (€3552.35) spejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti fi żmien sentejn mil-lum.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati.

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi zmien ħmistax il-jum mil-lum - li d-droga eżebita hija meħtiega in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tar-Reġistratur tal-Qorti u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-

Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u iġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

Antonio Mizzi
Imħallef

Brian Avellino
Deputat Reġistratur